TRIBUNAL TA' REVIZJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR

**OWK0009/21**
**(Sit: Barriera SM50, Triq tal-Isqof, l/o Imqabba)**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
16 JUN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Rockcut Ltd**

**vs.**

**L-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi**

**Rikors tal-Appell tas-soċjetà Rockcut Ltd.**

Tesponi bir-rispett:

Illi dan huwa appell ta' **Rockcut Limited** mill-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformità b'referenza numru **OWK0009/21** maħrug mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju 2021 u notifikat lis-soċjetà appellanti nhar is-08 ta' Ġunju 2021 permezz tal-posta elettronika (hawn anness u mmarkat bħala "Dok. RC1");

Illi skont l-imessmi Ordni ta' Waqfien u ta' Konformità l-appellanti qiegħda tikser ir-regolamenti ambjentali billi qiegħda taċċetta skart inert u mhux inert, kif ukoll qiegħda timmanipja u tirriċikla l-istess skart mingħajr il-permess meħtieġ mil-liġi skont ir-regolamenti 12(15) u 19(1) tar-Regolamenti dwar l-Iskart L.S. 549.63;

Illi għaldaqstant l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi eżiġiet li tieqaf immedjatament l-attività hawn fuq imsemmija, u ma tinbeda l-ebda attività oħra li tirrikjedi awtorizzazzjoni fuq is-sit, u jittieħdu passi sabiex jieqaf il-ksur billi: *"jitneħħa kwalunkwe skart inert u mhux inert li ntefa' fis-sit mingħajr il-permess ambjentali meħtieġ bil-liġi fi żmien ħmistax -il ġurnata mid-data tan-notifika ta' dan l-Ordni"*;

Illi l-appellanti tħossha aggravata minn din id-deċiżjoni għar-raġunijiet li ġejjin:

1. L-iskart imsemmi ma jistax jitneħħa fi żmien ħmistax -il ġurnata kif ordnat minħabba raġunijiet illi huma barra mill-kontroll tagħha;
2. Effettivament, l-ordni nħarġet minħabba telefonati li kienu qed isiru minn ċertu Michael Parnis li beda jallega li l-operat tal-appellanti kien qiegħed jikkawża t-trabb.

***1. L-iskart imsemmi ma jistax jitneħħa fi żmien ħmistax -il ġurnata kif ordnat minħabba raġunijiet illi huma barra mill-kontroll tiegħu***

Illi huwa fatt magħruf tajjeb li fil-gżejjer Maltin ma jeżisti l-ebda pjan dwar ir-rimi tal-iskart iġġenerat mill-industrija tal-kostruzzjoni tant li preżentament ma teżisti l-ebda barriera f'dawn il-gżejjer li qiegħda tilqa' l-iskart imsemmi;

Illi minħabba li din il-problema ilha tippersisti għal żmien twil, l-appellanti kellha tagħmel użu mill-proprjetà tagħha, fuq liema tirriżulta applikazzjoni skont il-liġi, sabiex l-iskart jiġi depożitat u riċiklat f'din il-proprjetà;

Illi kien għalhekk biss li l-appellanti kienet tinsab f'pożizzjoni li teżegwixxi l-kuntratti li għandha mal-Gvern ta' Malta;

Illi nhar l-08 ta' Ġunju 2021 l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi infurmat lill-appellanti permezz tal-posta elettronika (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. RC1") li hija kienet ħarġet Ordni ta' Waqfien u Konformità u meta mistoqsija mill-appellanti kif din tal-aħħar setgħat teżegwixxi l-Ordni msemmi fid-dawl li ma kienux jeżistu postijiet għar-rimi tal-iskart, l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi ma tat l-ebda risposta;

Illi fl-14 ta' Ġunju 2021 ix-xogħolijiet kollha fit-toroq twaqqfu kompletament fuq azzjoni tal-Malta Developers' Association u dan preċiżament minħabba l-fatt li, fost affarijiet oħra, ma jirriżultawx postijiet għar-rimi tal-iskart iġġenerat mill-kostruzzjoni;

Illi jidher fiċ-ċar li l-appellanti tinsab fl-impossibilità li teżegwixxi l-Ordni ta' Waqfien u r-Riżorsi, b'mod partikolari fiż-żmien imsemmi fl-istess Ordni, u ċioè dak ta' ħmistax -il ġurnata;

Illi bħala l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, li hija wkoll l-entità responsabbli mir-rimi b'mod regolari billi din għandha s-seta' li toħroġ il-permessi relattivi, hija kellha tara li, qabel toħroġ Ordni ta' Waqfien u Konformità, tivverifika jekk dawn it-tip ta' ordnijiet effettivament jistgħux jiġu eżegwiti;

2. ***L-ordni nħarġet minħabba telefonati li kienu qed isiru mingħand ċertu Michael Parnis li beda jallega li l-operat tal-appellanti kien qiegħed jikkawża t-trabb;***

Illi fil-ġimgħat ta' qabel il-ħruġ tal-Ordni ta' Waqfien u Konformità, kienet għaddejja korrispondenza bejn l-appellanti u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar l-hekk imsejjħa *dust mitigation measures;*

Illi tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni li l-proprjetà tal-appellanti tinsab f'żona industrijali li fil-maġġor parti tagħha tikkonsisti f'barrieri li fihom qiegħda ssir attività simili għal dik tal-appellanti;

Illi minkejja dan wieħed jifhem l-importanza tad-*dust mitigation measures* u għalhekk l-appellanti bagħtet pjan tal-miżuri li kienet sejra taddotta u pproċediet billi adottat il-miżuri

kollha hemmhekk elenkati;

Illi minn spezzjonijiet li kienu qegħdin isiru mill-uffiċjali tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi stess kien qiegħed jidher li l-miżuri adottati mill-appellanti kienu effettivament effiċjenti;

Illi però jidher li ċertu Michael Parnis, li huwa l-Head of Human Resources tal-Malta Air Traffic Services Ltd, beda jilmenta mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar trabijiet li allegatament kien qiegħed jiġġenera l-appellanti, u dan minkejja l-miżuri ta' mitigazzjoni li ttieħdu minnha;

Illi tajjeb li wieħed jirrimarka li waħda mill-miżuri ta' mitigazzjoni adottati mill-appellanti kienet li meta r-riħ ikun fid-direzzjoni tal-ajruport, l-appellanti ma joperax;

Illi meta Michael Parnis ġie ikkuntatjat mill-appellanti sabiex ikun jista' jivverifika dan l-ilment, Michael Parnis informa lill-appellanti li rrispettivament mill-miżuri ta' mitigazzjoni adottati mill-appellanti dan kien ser jibqa' jirraporta li hemm it-trabijiet hekk kif appena ser jinnota jew jintebaħ li l-appellanti qiegħed jopera;

Illi l-appellanti ħassitha aggravata b'tali kumment għaliex wieħed jifhem li rapport dwar trabijiet huwa ġustifikat meta verament ikun hemm it-trabijiet iżda ovvjament ma huwiex ġustifikat meta jkunx hemm;

Għaldaqstant, fil-waqt li l-appellanti jagħmel referenza għall-prinċipji ta' ġustizzja u ta' ġustizzja naturali jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jħassar u jirrevoka l-Ordni ta' Waqfien u Konformità tat-03 ta' Ġunju 2021 u jilqa' l-oġġezzjonijiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement iħassar u jirrevoka l-penali mposta jew li tista' tiġi imposta fuq l-appellanti.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi u b'riżerva għal kull dritt u/jew azzjoni oħra

spettanti lill-appellanti f'dan ir-rigward.

Av. Beryl Jean Buttiġieġ
Rockcut Ltd, Triq iċ-Ċimiterju, Għaxaq

**LISTA TA' DOKUMENTI**

- **Dok RC1** – kopja tal-posta elettronika tat-08 ta' Ġunju 2021;

**LISTA TA' XHIEDA**

- Rappreżentanti tal-appellant sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;
- Rappreżentati tal-*ERA* biex jixhed dwar l-avviz mertu ta' dan l-appell;
- Michael Parnis;
- Xhieda oħra riservati.

Av. Beryl Jean Buttiġieġ
Rockcut Ltd, Triq iċ-Ċimiterju, Għaxaq